# Il-Banda Pinto fil-Karnival ta' Malta 1966 - 1979

*John Camilleri*

*Is-sena l-oħra konna tajna ħarsa lejn is-sehem tal-Banda Pinto fil-Karnival ta' Malta bejn is-sena 1930 u s-sena 1957. Din is-sena sejrin naraw il-parteċipazzjoni tal-Banda Pinto bejn is-sena 1966 u s-sena 1979.*



**Is-Sehem tal-Banda Pinto fil-Karnival tal-1966**

Kienu għaddew disa' snin mis-suċċess tal-1957, meta l-Banda Pinto ħadet sehem għas-sitt darba fil-karnival. Din is-sena l-karnival kien iċċelebrat fil-Belt bejn it-18 u it-22 ta' Frar. Is-suġġett għal din is-sena kien *Buyers and Sellers* band grotteska bil-kostumi tal-artist Elizeo Terribile.

Waqt il-ħidma tal-karru għall-karnival is-Soċjetà Filarmonika Pinto resqet protest quddiem il-kumitat tal-karnival kontra Lukardu Borg u l-Karru Trijonfali *The Winner* meta nstab li kien qiegħed jikkopja x-xogħol tal-artist Carmel Schembri li kien qiegħed imexxi x-xogħol tal-karru Trijonfali tal-Banda Pinto. Borg kien ikkopja xi maskri li kienu nħaddmu fuq il-karru tal-banda. Kien sar ukoll protest ġudizzjarju fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina mis-Soċjetà Filarmonika Pinto kontra Ludgardo *sive* Riccardo Borg. Wara diskussjoni bejn iż-żewġ partijiet intlaħaq ftehim fejn L. Borg, wara li marru u sabulu li l-Maskri tal-Karru tiegħu huma kopja tal-Maskri tal-Kostum tagħhom, qabel u aċċetta li jneħħi dawk il-Maskri li huma kopja tal-Maskri tal-Banda.

Bħas-snin ta' qabel il-Banda Pinto żammet ir-reputazzjoni meta ħadet l-ewwel premju fil-kategorija tal-baned grotteski. Din is-sena kien hemm erba' baned li ħadu sehem. Il-Banda Nicolò Isouard li kienet kummissjonata, il-Banda Pinto li ħadet sehem b'marċi grotteski, il-Banda ta' San Pawl il-Baħar bit-tema *Followers of Bacchus* u l-Banda La Vittoria tal-Mellieħa.

Kien sar ukoll marċ fit-22 ta' Frar ġewwa Ħal Qormi fi Triq San Sebastjan li dar mal-Knisja ż-żgħira għal quddiem il-Każin.

1 Leħen il-Belt Pinto, Il-Banda Pinto fil-Karnival 1966
2 Times of Malta, 21/02/1966, 23/02/1966
3 Korrispondenza, Dwar il-Karnival 13/02/1966, 16/02/1966



*Buyers and Sellers 1966*

## Il-Banda Pinto fil-Karnival tal-1967

Il-Karnival ta' din is-sena ġie ċċelebrat bejn it-3 ta' Frar u s-7 ta' Frar fil-Belt. Il-Banda Pinto żammet mat-tradizzjoni tagħha u ħadet sehem għat-tmien darba bit-tema *Id-Dudu*. Dan is-sehem tal-Banda kienet fil-kategorija tal-Kumpaniji bil-Kostum mhux koppji.

Id-dudu kellu żifna sabiħa taħt it-tmexxija ta' J. Micallef ta' *The Diamond Shoes*. Iż-żifna kellha taħlita ta' mużika mill-isbaħ sakemm id-dudu jinbidel għal farfett. Din is-sena wkoll il-Banda Pinto ħadet l-ewwel premju fil-kategorija ta' Kumpaniji bil-kostum mhux koppji.



*Id-Dudu - żifna tal-Banda Pinto 1967*



*Id-Dudu - żifna tal-Banda Pinto 1967*

Din il-parteċipazzjoni kienet deskritta bħala oriġinali għal Malta, għalkemm hija popolari ħafna fiċ-ċelebrazzjonijiet fil-Ġappun. Din kienet żifna inġenwa u provdiet spettaklu ta' kuluri speċjalment meta d-dudu jinbidel f'numru kbir ta' friefet.
Times of Malta 08/02/1967, 11/02/1967



Malta Carnival Festivities

The Malta Carnival Committee

for the year

has awarded

to the

for the Competition of

Valletta,

HON. SECRETARY HON. TREASURER PRESIDENT

## Il-banda Pinto terġa' tieħu sehem fil-karnival fl-1969

Fl-1969 il-Banda Pinto żiedet suċċess ieħor billi reġgħet rebħet l-ewwel premju bil-kostum li kien jismu IL-*BDIEWA JIFFESTIĠJAW LIN-NAFFARA* f'kompetizzjoni mal-*Peace Band* tan-Naxxar. Il-Karnival kien iffesteġġat bejn il-15 u t-18 ta' Frar

Il-Banda Pinto issa qegħda tikkompeti bil-kostum biss; din kienet l-ewwel darba li l-Banda daħħlet tikkompeti mingħajr il-karru trijunfali u maskri grotteski li bla dubju kienu jinvolvu ħafna xogħol u spejjeż. Biex jimla dan il-vojt tal-karru u l-maskri grotteski, il-kumitat ħaseb billi ħareġ bl-idea ġdida u oriġinali, dik li għaqdu l-banda tal-i*Scouts* biex bit-tnabar, iċ-ċirimelli, akkordji u *bugles* taw wirja eċċellenti u daqqew mal-Banda Pinto

l-famuż marċ *Tomm Tomm* kif ukoll qajmu briju u entużjażmu liema bħalu waqt li kienu għaddejjin mat-toroq prinċipali tal-Belt Valletta u b'hekk qalgħet it-tifħir ta' kulħadd.

Mal-Banda Pinto kien hemm ukoll numru ta' tfajliet li kienu qiegħdin jirrappreżentaw lill-bdiewa nisa li bis-sfafar u t-tamburlini komplew żiedu dik l-atmosfera ferrieħa tal-jiem tal-Karnival. Dawn it-tfajliet bdew jiżfnu madwar erba' nuffara.

Kulħadd kelma waħda li kull meta tidħol il-Banda Pinto fil-Karnival, dejjem ikollha xi ħaġa ġdida u sabiħa li żgur tisraq l-ammirazzjoni ta' dawk li jarawha għaddejja mit-toroq tal-Belt.

Barra s-sehem tagħha fil-Karnival il-Kumitat tal-Karnival kien ukoll ikkummissjona l-Banda Pinto biex iddoqq fl-isfilata tat-Tnejn tal-Karnival bħala servizz żejjed.



*Il-Banda Pinto 1969 IL-BDIEWA JIFFESTIĠJAW LIN-NAFFARA*




**Referenzi**

Leħen il-Belt Pinto April, Mejju, Ġunju 1969
Times of Malta 19/02/1969, 20/02/1969

**Il-banda Pinto fil-karnival tal-1970**

Din kienet l-għaxar darba li l-Banda Pinto ħadet sehem fil-Karnival tal-Belt Valletta, li din is-sena sar bejn is-seba' u l-għaxra ta' Frar. Din is-sena kien hemm 27 karru inkluż ir-Re tal-Karnival, seba' karrettuni, ħames karozzini, żewġ baned u sitt settijiet ta' maskri grotteski. Iż-żewġ baned fl-isfilata kienu *Montezuma on Parade* tal-Banda Pinto u *Holiday in Town* of *St.Mary's Band Club* ta' Ħal Għaxaq. Din is-sena l-Karnival ġie bejn is-7 u l-10 ta' Frar.

*Montezuma on Parade* kien jifforma parti mill-Banda Pinto li din is-sena ħadet sehem b'kostum Messikan ta' żmien il-*Conquistadores.* Din il-banda preżentat spettaklu bil-kostumi kuluriti u l-*headdress* tar-rix. Ħadu sehem numru sabiħ ta' tfajliet b'imrewħiet u maskra grotteska ta' Montezuma li kienet qed tinġarr minn erbat irġiel. Dan ix-xogħol artistiku kien fdat f'idejn is-Sur Anthony Fenech.

Din is-sena l-Banda Pinto mhux biss rebħet l-ewwel premju, imma ħadet ukoll il-*Mro. G. Ciappara Challenge Cup.*

**Referenzi**

| | |
|---|---|
| Times of Malta | 11/02/1970, 12/02/1970 |
| Il-Berqa | 11/02/1970 |
| L-Orizzont | 11/02/1970 |




***Magician Jumbo Cards* fl-1971**

Il-ħdax-il parteċipazzjoni fil-Karnival kienet dik tas-sena 1971. Din is-sena l-Karnival sar fil-21, 22, u 23 ta' Frar. Din is-sena l-Banda Pinto daħlet bit-tema Il-*Magician Jumbo Cards.* Mal-Banda Pinto kkompetew ukoll *La Stella Band Club* tal-Gudja u l-Banda *Peace* tan-Naxxar. Din is-sena kien hemm 56 parteċipant f'kategoriji differenti.

Il-Banda Pinto kellha magħha karozza żgħira mibnija biex tirrappreżenta pakketti tal-karti tal-logħob kompluti wkoll bil-kappell u l-bastun. Quddiem il-Banda kien hemm numru ta' żgħażagħ jaqbżu u jifirħu u joħolqu atmosfera. Fuq nota ferrieħa kien hemm erba' kpiepel kbar u dawk li kienu jġorruhom kellhom bħal uċuħ fuq sidirhom. L-effett kien li kienu qishom nani u dan ħoloq effett grottesk. Il-bandisti ukoll kienu preżentaw kostum kulurit u pulit bħala grupp. Impressjonaw ħafna l-maskri oriġinali grotteski tal-Banda Pinto.

Il-ġurnal il-Ħajja tat-22 ta' Frar 1971 qal hekk: Ġemgħa żgħira ta' rġiel lebsin ta' nani b'kappell kbir fuq rashom intogħġbu ħafna mill-pubbliku. Dawk li kienu quddiem il-Banda Pinto kellhom ukoll maskri grotteski taħt l-isem *Magician Jumbo Cards.* In-nani kienu rġiel żaqqhom barra u fuqha kellhom impinġi wiċċ ta' raġel. B'hekk ġara li filwaqt li ż-żaqq bdiet tidher qisha ras, ir-ras proprja tal-individwu kienet kappell kbir li hu kien qed iġorr. Biex idaħħku, dawk lebsin ta' nani bdew jonfħu u jiġbdu 'l ġewwa l-istonku tagħhom, waqt li fl-*Enclosure* kienu qed jiżfnu għad-daqq tal-kanzunetta ta' *Canzonissima, Ma Che Musica.*

In-nani reġgħu kienu ċ-ċentru tal-attrazzjoni tal-ġurnata bil-qbiż tagħhom. Id-daqq tat-tliet baned li din is-sena daħlu għall-isfilata tal-Karnival kompla l-atmosfera ta' briju bil-kanzunetti moderni u ferrieħa li bdew idoqqu.

Bħas-snin ta' qabel din is-sena l-Banda Pinto kompliet tkabbar r-reputazzjoni tagħha meta kisbet l-ewwel premju f'din il-kategorija tal-baned, filwaqt li rebħet ukoll il-*Mro. G. Ciappara Challenge Cup.*

**Referenzi**

| | |
|---|---|
| L-Orizzont | 24/02/1971 |
| Il-Ħajja | 22/02/1971 |
| Times of Malta | 22/02/1971, 24/02/1971, 25/02/1971 |

**Il-karnival tal-baħar**

Fis-7 ta' Settembru 1971 il-Kumitat Festi Nazzjonali kien organizza għall-ewwel darba l-Karnival fuq il-baħar bħala parti mill-Festi Nazzjonali Maltin. Is-swar kienu miżgħuda bin-nies biex jaraw dan l-ispettaklu. Fost dawk li ħadu sehem kien hemm tmien gruppi ta' *Water Skiers*, disgħa u għoxrin biċċa tal-baħar, li jvarjaw minn karrijiet kbar fuq il-braken, luzzijiet, dgħajjes, kajjikki u jottijiet.

Fl-isfilata ħadu sehem ukoll erba' baned - il-Banda Pinto, *id-Duke of Edinburgh Band* tal-Birgu, *La Stella Band Club* tal-Gudja u banda indipendenti li ġiet iffurmata apposta għall-okkażjoni minn M. Muscat. Dawn il-baned kienu kkummissjonati mill-Kumitat tal-Festi Nazzjonali.

Wara l-isfilata saret wirja bl-ilma mill-erba' vapuri tal-irmonk: St. Michael, Scottish Terrier, St. Thomas u St. Elmo.

**Il-banda Pinto tieħu sehem fil-karnival tal-1973**

Il-Karnival tal-1973 ġie bejn id-19 u t-22 ta' Frar u din kienet it-tnax-il darba li l-Banda Pinto pparteċipat fil-Karnival. Is-suġġett ta' din id-darba kien dak ta' *Meals on Wheels*. Kien hemm erba' baned li daħlu għal dan il-Karnival: il-Banda Pinto, *Zodiac Signs* tal-*Banda La Stella* tal-Gudja, *Il-Għanja tas-Saħħar* tal-*Banda Duke of Edinburgh* tal-Birgu u *Qis Mitt Darba u Aqta' Darba* tal-*Banda Imperial tal-Mellieħa.*

F'dan il-Karnival kien hemm numru sabiħ ta' kompetituri li ħadu sehem f'sezzjonijiet differenti, fosthom: Karrijiet trijonfali, Baned b'marċi grotteski, karrijiet imżejna bi fjuri, maskri grotteski, karrettuni u karozzini, kumpaniji taż-żfin mhux koppji, kumpaniji taż-żfin koppji, kumpaniji taż-żfin tat-tfal, kumpaniji ferrieħa u tad-daħk u karrijiet bir-riklami.

Il-karru tal-Banda Pinto kien fih figura spettakolari u li jolqot l-għajn għalkemm kellu kuluri mitfija. Il-bandisti kienu libsin kostum bħal tas-soltu f'żewġ biċċiet imma kellhom *headgear* li kien grupp preżentat bl-isbaħ kuluri. Bħalma għamlet fis-snin ta' qabel il-Banda Pinto rebħet l-ewwel premju fil-kategorija ta' marċi grotteski mill-baned. Il-Banda rebħet ukoll il-*Mro. G. Ciappara Challenge Cup*.

**Il-karnival tal-1974**

Il-Karnival ta' din is-sena kien sar bejn il-11 u l-14 ta' Mejju. Din is-sena l-Banda Pinto ma kinitx fost il-kompetituri, però kienet ħadet sehem fih meta ġiet ikkummissjonata mill-Kumitat tal-Karnival flimkien ma' baned oħra li wkoll kienu qed jipparteċipaw b'kummissjoni. Għalhekk din is-sena ma kienx hemm il-kompetizzjoni ta' marċi grotteski mill-baned.

F'dan il-Karnival kien hemm 58 kompetitur f'kategoriji differenti, fosthom: karrijiet trijonfali, karrijiet trijonfali mżejna bil-fjuri, maskri grotteski, kumpaniji taż-żfin f'kategoriji differenti, koppji, mhux koppji u tfal. Il-baned li ħadu sehem f'dan il-Karnival kienu: Banda *Pagliacci* - il-Banda La Stella tal-Gudja, *It's Magic* - Il-Banda ta' Mikiel Muscat, *Happy Wanderers* - Banda tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Muskettieri tal-Banda Pinto. Kif iġib l-isem il-bandisti kienu libsin ta' muskettieri.

**Sehem il-banda Pinto fil-karnival tal-1977**

Il-Karnival tas-sena 1977 kien iċċelebrat bejn is-6 u l-10 ta' Mejju. Għal din is-sena ma kienx pjanat li l-Banda Pinto tieħu sehem. Kien hawn li s-Sur Pawlu Camilleri talab lill-Kumitat biex tgħinu jidħol bil-Banda fil-Karnival.

Wara li saru diskussjonijiet bejn il-Kumitat u Pawlu Camilleri sar qbil li s-Soċjetà toffri l-għajnuna tagħha, f'dik li hija mużika u xi strumenti bħal katuba u platti. Kien miftiehem ukoll li Pawlu kien responsabbli biex iħallas l-ispejjeż u f'każ li jieħu xi premju l-qliegħ jinqasam bejn iż-żewġ partijiet.

Għal dan il-Karnival kien hemm 54 parteċipant f'kategoriji differenti. Re Tal-Karnival, Maskri Grotteski, Kumpaniji bil-Kostum, Karrijiet tal-Iskejjel, Karrijiet Trijonfali, Kumpaniji tat-Tfal, Karrettuni, Karozzini u ma' dawn kollha spikka t-Trio Komiku *Charlie Chaplin in the Street*.

Kienu ħames baned li pparteċipaw fil-kategorija ta' marċi grotteski, dawn kienu:

il-Mirbuħ mhux Mitluf - Banda Grotteska minn Pawlu Camilleri - Qormi Din id-Darba Jmiss Jien - Banda Grotteska minn Raymond Azzopardi - Ħamrun *The Happy Wanderers* - Banda tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni Logħba fil-Karnival - Banda Grotteska minn Mikiel Muscat - Qormi X'Ħareġ mill-Bajda tal-Karnival - Banda Grotteska minn La Stella Band Gudja.

Fil-fatt il-kompetizzjoni kienet bejn erba' baned għax il-Banda tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ma kkompetietx. Il-Banda Pinto kienet tagħmel parti mill-Banda ta' Pawlu Camilleri. L-ewwel premju ntrebaħ mill-Banda La Stella tal-Gudja, it-tieni premju ma ngħatax filwaqt li l-Mirbuħ mhux Mitluf ta' Pawlu ħadet it-tielet premju.

**L-aħħar parteċipazzjoni tal-Banda Pinto fil-karnival**

L-aħħar darba li l-Banda Pinto ħadet sehem fil-Karnival ta' Malta kien fis-sena 1979. Din is-sena l-Karnival kien sar bejn il-11 u l-15 ta' Mejju. Din il-parteċipazzjoni kienet possibbli fuq inizjattiva ta' Sebastian Baldacchino, Twanny Muscat, Lorry Saliba, Publius Chetcuti, Grace Cilia u Mariolina Zerafa li talbu lill-Kumitat biex jipparteċipaw f'isem is-Soċjetà bil-Banda Pinto.

Wara diskussjoni li saret mal-Kumitat sar qbil u l-Kumitat offra kull għajnuna min-naħa tiegħu. Hawn ta' min isemmi li Sebastian Baldacchino mhux biss kien membru tal-Kumitat imma wkoll kien dejjem attiv flimkien ma' Ġamri Grech kull darba li l-Banda Pinto ħadet sehem fil-Karnival sa mis-sena 1966.

Fil-Karnival ta' din is-sena kien hemm fuq 50 parteċipant f'kategoriji differenti: Re Tal-Karnival, Maskri Grotteski, Kumpaniji bil-Kostum, Karrijiet tal-Iskejjel, Karrijiet Trijonfali, Kumpaniji tat-Tfal, Karrettuni u Karozzini. Din is-sena ħadu sehem baned li kienu:

- Ir-Re tal-Karnival Jixxala - Banda Grotteska - Gudja
- L-Oroskopju - Banda Grotteska - Għaxaq
- Mużika Flora - Banda Grotteska - Banda Pinto - Qormi

- Mużika mit-Tabakk - Banda Grotteska - Żejtun.
- Is-Sur Domino iħobb jilgħab id-Domino - Banda Grotteska - Paola

It-tema għal din is-sena kienet Mużika Flora, fejn inħadem karru magħmul mill-fjuri tal-karti. Interessanti dwar din il-parteċipazzjoni f'din il-kompetizzjoni li saret kienet il-mistoqsija: Kemm intużaw fjuri fuq il-kpiepel tal-bandisti u ż-żeffiena li akkumpanjaw il-banda u fuq il-karru fl-edizzjoni ta' din is-sena? Ir-risposta rebbieħa kienet dik ta' 53,321 fjura. Din is-sena l-Banda Pinto rebħet it-tielet premju.


**BASTJAN TAR-ROTI**
42, St Joseph Street, Qormi QRM 2322
Tel: 2148 7264 • Mob: 7920 9182



**THE EMPIRE CYCLE WORKSHOP**
**EST. 1920**
For Complete Bicycles, New & 2nd Hand Parts & Accessories, Trotting & Cart Wheels.
Also repairs on Bicycles, Centering of Bicycles & Motor Cycle Wheels.



